MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 387/2015

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru**

**617/15**

**Daniel Coppini (K.I. 10169M)**

**VS.**

**Mario Calleja (K.I. 602857M) u**

**Mary Scicluna (K.I. 600938M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Mario Calleja ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, tal-24 t'April 2015 (a fol. 1 et seq.) li jaqra hekk:

*"Illi permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fis-16 ta'April 2015 gie ordnat il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq talba tal-attur kontra l- konvenut ghas-somma ta' Ewro hamsa tletin elef sitta u sebghin Ewro u tnejn u disghin centezmu kwantu ghal hamsa u ghoxrin elf Ewro sorte u ghaxar t'elef u sitta u sebghin Ewro u tnejn u disghin Ewro*

*centezmu imghax kalkolat bir-rata ta' 8% mit-28 ta'Frar 2011 sal-11 t'April 2015, b'riserva ulterjuri ghal-imghax u spejjez.*

*Illi l-ammont pretiz mill-attur mhuxiex dovut ghaliex l-attur qabel ma sar il-ftehim li qed jigi kkontestat, l-attur kien ben konsapevoli ta' kull ftehim u pendenzi li l-intimat kellu.*

*Illi mhux talli li l-ebda ammont ma huwa dovut izda fatwalment huwa l-attur li huwa debitur tal-esponenti.*

*Illi l-proceduri infethu fl-2011 u l-attur gustament qatt ma hass il-htiega li ghandu jaghmel dan il-mandat,izda issa li ghaddew erba' snin u l-proceduri waslu lejn l-ahhar, huwa bla bazi u bla raguni hass li ghandu jaghmel dan il-mandat meta ma nbidlet l- ebda cirkostanza li timmerita li jintavolta r-rikors ghall-hrug tal-mandat u konsegwentement li jibqa' fis-sehh l-istess mandat.*

*Illi r-rikors tal-attur sar bi skop malizjuz, frivolu u vessatorju u kien intiz biss biex johloq difficultajiet lill-intimat.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-garanzija li joffri l-mandat ta' sekwestru qieghda hemm sabiex tikkawtela d-drittijiet ta' kreditur meta d-debitur tieghu ma jkunx solvibbli fi zmien l-ezekuzzjoni tas-sentenza u l-istat ta'l-esponent ma huwiex tali li jiggustifika jew jaghti ragun lis-sekwestrant jahseb li l-esponent ma jkunx solvibbli fi zmien ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza fuq il-pretensjonijiet attrici.*

*Illi r-rikorrent ma ghandu l-ebda hsieb li jabbanduna l-gzejjer Maltin u ghandu assi ohra konsistenti fid-dar residenzjali tieghu li tista' taghmel tajjeb f' kaz illi r-rikors guramentat numru 1142/11 JPG tigi deciza kontrih.*

*Illi ghalhekk rikorrenti umilment jissottometti li ma ghandux jibqa fis-sehh dan il- mandat u ghalhekk qieghed jaghmel talba abazi tal-artiklu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta specjalment fid-dawl tad-danni li huwa qieghed isofri minhabba l-infurzar tal-mandat ta' sekwestru.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Thassar u tirrevoka l-mandat kawtelatorju ai termini ta l-artikolu 836(1)(d) u 836(1)(f).*

2. *Tordna lil attur ihallas penali fis somma ta mhux inqas minn Ewro elf mija u erba u sittin u disa' u sittin centezmu [Euro 1164.69) u mhux aktar minn Ewro sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin u tnax –il centezmu (Euro 6,988.12) favur r-rikorrenti a fini ta l-artiklu 836(8)(c) u (d).*

3. *Tiddikjara lil attur responsabli ghad-danni li soffra l-esponenti.*

4. *Tillikwida d-dannu hekk soffert.*

5. *Tikkundana lil attur ihallas lil intimat d-dannu li jigi hekk likwidat.*

*Bl-ispejjez kontra l-istess attur."*

Rat id-digriet taghha tat-28 t'April 2015 ;

Rat illi l-atti tar-rikors, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-kontro parti;

Rat in-nota ta' Daniel Coppini tat-12 ta' Mejju 2015, (a fol. 6 et seq) li biha oppona ghar-rikors ipprezentat fl-24 t'April 2015 ta' Mario Calleja ghar-revoka contrario imperio tal-mandat ta' sekwestru fil-konfront tieghu li taqra hekk:

*"Illi l-esponenti Daniel Coppini qieghed jopponi ghat-talba ta' Mario Calleja ghas-segwenti ragunijiet:-*

1. *Illi l-esponenti gie notifikat bir-rikors tal-intimat Mario Calleja ipprezentat fl-24 ta' April 2015 li bih qieghed jitlob li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi jigi mhassar u rrevokat sa a tenur tal-artikolu 836 (1) (d) u 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12, li l-esponenti jigi ordnat li jhallas penali a favur ir-rikorrent ai termini ta' l-artikolu 836 (8) (c) u (d) tal-Kapitolu 12, u kif ukoll li l-esponenti jigi kkundannat responsabbli ghal-hlas tad-danni sofferti mir-rikorrent intimat;*

2. *Illi l-esponenti qieghed iressaq din in-nota fit-termini tal-artikolu 836(1)(3) tal-Kapitolu 12 b'risposta ghat-talbiet li saru mill-intimat;*

3. *Illi t-talbiet imressqa mill-intimat huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih ghar-ragunijiet segwenti;*

4. *Illi fl-ewwel lok, l-artikolu 829 tal-Kapitolu 12 jipprovdi illi:*

*Kull persuna tista',* ***minghajr ma mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni*** *hu tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta' wiehed jew izjed mill-atti kawtelatorji hawn taht imsemmija, illi, wara li jigu mharsa minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid dan il-Kodici, jigu mahruga u esegwiti taht ir-responsabbilta taghha.*

5. *Illi l-iskop ta' att kawtelatorju huwa ben stipulat fl-artikolu 829 kkwotat supra. id-dicitura ta' dan l-artikolu hija cara, u cioe' tippermetti li persuna tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha minghajr ma hu mehtieg li jkun hemm decizjoni fir-rigward, basta li minn jitlob il-hrug ta' tali att ikun osserva l-kondizzjonijiet maghmula that il-Kapitolu 12;*

6. *Illi fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju l-esponenti osserva l-kundizzjonijiet kontenuti fil-Kapitolu 12, fosthom dawk ai termini ta' l-artikolu 831,832 u 843 ta' l-istess Kapitolu;*

7. *Illi gialadarba l-esponenti ottempra ruhhu mal-kondizzjonijiet taht il-Kapitolu 12, ma kien hemm xejn x'jostakolah milli jqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tieghu f'kull stadju tal-proceduri pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, u infatti t-talba tieghu giet akkolta;*

8. *Illi ghaldaqstant il-kwistjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti hija dwar jekk il-hrug tal-att kawtelatorju kienx mehtieg fid-dawl ta' l-artikolu 836 (1) (d) u (f);*

9. *Illi is-subartikolu 836 (1) (d) jaqra hekk:*

***836.*** *(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kowtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-*

*qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kowza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv.*

10. *Illi fir-rigward, dak li qieghed jigi allegat mill-intimat fit-tieni paragrafu tar-rikors, u cioe' li l-ammont pretiz mill-esponenti mhuwiex dovut, mhux minnhu. Il-ftehim kontestat effettivament jirrigwarda l-mertu tal-kawza bin-numru 1142/2011JPG pendenti bejn il-partijiet;*

11. *Illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju inhareg abbazi tat-talbiet kif dedotti fil-kawza 1142/2011JPG pendenti bejn il-partijiet, u cioe' limitatament sabiex jikkawtela is-sorte u l-imghax. Ghaldaqstant l-ammont mitlub fir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju huwa prima focie gustifikat u mhuwiex eccessiv;*

12. *Illi fil-kawza fl-ismijiet* ***"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"*** *tas-25 t'April 2002 t*[1] *intqal hekk:*

*"Skond l-artikolu 836 (1) (d) u (f) ta-Kap 12 jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelotarju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

13. *Illi permezz tad-digriet fl-ismijiet "****Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et****' tal-10 ta' Mejju 2001*[2] *inghad ukoll:*

*"Illi mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qoni huwa dak biss ta' 'prima facie',* ***u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-***

[1] *Citata recentement fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Aquilina Marco pro et noe vs. Suda Ottavio et", moghtija fit-2 ta' Lulju 2014.*
[2] Ibid

***kawza propja bejn il-partijiet**, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti fdan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja." (enfasi mizjuda );*

14. *Illi ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet "**Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti'** tas- 27 ta'Gunju 2002*[3] *inghad:*

*'Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid toghmel il-Qorti f din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le**, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza**, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited' - P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2007; "Visa lnvestments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2007)' (enfasi mizjuda),'*

15. *Illi in vista tal-kazistika kkwotata supra, din l-Onorabbli Qorti hija tenuta li taghmel ezami prima facie dwar jekk kienx hemm pretensjoni legali da parti ta' l-esponenti ghat-talba ghal hrug ta' l-att kawtelatorju. L-esponenti umilment jikkontendi li t-talba tieghu kienet limitata ghal kawtela tas-sorte u l-imghax, u l-fatt li tali talba ma saritx kontestwalment mal-intavolar tal-kawza pendenti bejn il-partijiet, izda fi stadju ulterjuri, ma jfissirx li d-dritt tieghu ghandu jigi stultifika;*

16. *Illi ghal dak li jirrigwarda is-subartikolu 836 (1) (f), il-ligi tghid hekk:*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostonzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelotorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

17. *Illi sabiex ir-rikorrent jsostni t-talba ghar-revoka ta' l-att kawtelatorju abbazi ta' dan is-subartikolu huwa tenut li jressaq prova li turi li (1) fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu; jew (2) li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli;*

---
[3] *Ibid*

18. *Illi minn naha tieghu, ir-rikorrent jilmenta semplicement li mill-ftuh tal-kawza ma nbidlet l-ebda cirkostanza li timmerita l-hrug tal-mandat kawtelatorju. Izda prova fir-rigward ma tressqitx;*

19. *Illi f'dan il-kuntest, din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza* ***"Gasanmamo Insurance Limited (C2143) et vs Roc A Go Crane Services Limited (C27553) et'*** *, moghtija fis-6 ta' Frar 2014, qalet:*

*"Ghalhekk f'dawn il-proceduri r-rikorrenti ghandhom jippruvow li tenut kont tac-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz mhux ragjonevoli li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghandu jibqa' fis-sehh u li xi wahda mill-htigijiet ghall-hrug tal-mandat m'ghadhiex tesisti" ("**Dr, Tonio Fenech noe v Dr. Patrick Spiteri et. noe**" [4]). Illi minn kliem il-ligi stess johrog car li sabiex jitwarrab Mandat (jew parti) abbazi ta' dan is-subartikolu **hu mehtieg li jkun hemm bidla sostanzjali fii-cirkostanzi mid-data tal-hrug tal-Mandat"** (enfasi mizjuda);*

20. *Illi l-Qorti hawn kompliet tghid illi, "sabiex issir din l-analizi wiehed irid iqis jekk mid-data tal-hrug tal-Mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-Mandat. llli tant hu hekk li fis-sentenza "Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea" tad-29 ta' Lulju 2005, din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-analizi taghha tas-subartikolu 836(1)(f) regghet iccitat il-kundizzjonijiet ghall-hrug ta' Mandat:*

*"Il-htigijiet tal-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' tohrog Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-Mandat; (b) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwa sew dik il-pretensjoni ta' dritt; (c) li l-Mandat irid ikun ihares irrekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbilta tal-persuna li tkun talbitu";*

21. *Illi fir-rikors tieghu r-rikorrenti ma gab l-ebda prova ta' bidla fic-cirkostanzi mid-data tal-hrug tal-mandat. Huwa biss iddikjara li l-istat tieghu ma huwiex tali li*

---

[4] *Moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fit-3 ta' Awwissu 2003*

*jiggustifika jew jaghti ragun lis-sekwestrant jahseb li mhux ser ikun solvibbli fi zmien ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza. Inoltre, iddikjara li ghandu assi ohra konsistenti fid-dar residenzjali tieghu li tista' taghmel tajjeb f'kaz illi l-kawza pendenti bejn il-partijiet tigi deciza kontrih;*

22. *Illi madanakollu, ir-rikorrent minflok offra garanzija fuq din il-proprjeta' jew assi ohra tieghu a favur l-esponenti, u dan ai termini ta' l-artikolu 836 (1) (c), huwa ghazel li jressaq ir-rikors tieghu taht l-artikolu 835 (1) (d) u (f);*

23. *Illi finalment, l-argument tar-rikorrent li l-esponenti huwa debitur tieghu, u mhux vice versa ma jsibx sostenn fil-fatti, gialadarba qatt ma tressqet kontro-talba fl-atti ta l-kawza 1142/2011J PG ;*

24. *Illi in vista' tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ma ghandhomx jigu milqugha stante li mhux biss ma jezistux ir-ragunijiet ikkontemplati taht l-artikolu 836 (1) (d) u (f), izda wkoll d-dikjarazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti ma gewx sorretti b'talba taht l-artikolu 836 (1) (c). Konsegwentement, it-talba ghal hlas tal-penali ai termini tal-Artikolu 836(8)(c) u (d) tal-Kapitolu 12, u t-talba ghal hlas tad-danni ghandhom jigu ggudikati bhala nsostenibbli;*

*Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikors ta' Mario Calleja ghandu jigi michud bl-ispejjez."*

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat il-verbal tal-14 ta' Mejju 2015 illi permezz tieghu il-partijiet qabblu li t-termini legali kellhom jigu estizi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti mir-rikorrenti Mario Calleja - vide fol.13 et seq, jirrizulta illi xi zmien ilu kien induna li tfal tieghu kienu akkumulaw dejn ta' mija u sebghin elf  Ewro ma sebghin distributur u li ghalhekk kien ddecieda li jidhol biex jghin lit-tfal tieghu isolvu din il-problema tad-dejn. Permezz tal-penzjoni tal-korp u mill-ftit onorarji li kellu, huwa beda jaqta' minn dan id-dejn u jhallas lid-distributuri tant li entro ftit snin, fadal biss dejn ma hmistax il-distributur li qed jithallsu b'ammont mensili. Mario Calleja xhed di piu li huwa kien sorpriz hafna bil-mandat ta' sekwestru maghmul minn Daniel Coppini, ghaliex Daniel Coppini kien debitur tieghu fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro skond il-kuntratt ezebit in atti tal-kawza bejn il-kontendenti u ghalhekk huwa kien qed jara dan il-mandat bhala vendikazzjoni. Illi minhabba l-mandat ta' sekwestru huwa gie kostrett ma jonorax il-pagamenti mensili lid-distributuri u kellu jinformahom kollha b'dak li gara.

In kontro-ezami Mario Calleja xhed li huwa ma kellux assi, ma kellux proprjeta'immobbli, jikri r-residenza fejn jghix, u lanqas karozza ma kellu. F'kaz li l-Qorti tiddeciedi favur Coppini, huwa ma kellux minn fejn ihallas izda kien lest li jhallas b'rati mensili kif qed ihallas lid-distributuri. Calleja xhed illi nqabdu tnax –il elf Ewro permezz tas-sekwestru meritu tar-rikors, b'liema ammont huwa kien qieghed ihallas lid-distributuri. Calleja xhed illi huwa kien dahal biex jghin lit-tfal tieghu johorgu mill-problemi ta' dejn il-ghaliex huma kienu gew mhedda. Illi di piu' huwa kellu ftit flus imwarrba ghaliex kellux jaghmel operazzjoni medika.

**Il-Qorti rat il-verbal tal-14 ta' Mejju 2015 li permezz tieghu il-partijiet bl-ghan illi jilhqu transazzjoni talbu differiment sabiex Mario Calleja jikseb garanzija bankarja izda Mario Calleja ma rnexxielux jipprovdi din il-garanzija bankarja.**

**Ikkonsidrat:**

Il-materja in ezami tikkoncerna talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju,ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12.

Illi l-**Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** jipprovdi li :

> ***"(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intmat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox sew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-***
>
> ***(a) Sa (c) Omisses***
>
> ***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;***
>
> ***(e) Omisses***
>
> ***(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".***

Qabel ma tezamina, l-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta'Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-***artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** *jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu*

*mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet**"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

*"li mid-dispozizzjoni tal-istess **Artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa***

> ***Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".***

Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi migjuba minn Mario Calleja din il-Qorti taghraf illi l-istess Calleja ma pprovax sodisfacentement skond il-ligi dak allegat mill-Avukat difensur tieghu u cioe': ***"Din hija biss pika minn naha tas-Sur Coppini, biex ikompli jipprova jfarrak u jkisser lis-Sur Calleja."-*** Vide trattazzjoni a fol. 18. Ir-rikorrenti lanqas ma pprova dak allegat minnu permezz ta' ricevuti, jew xhieda viva voce, illi huwa ghamel il-hlasijiet lid-distributuri, kif del resto ma ressaq ebda prova tal-htiega tal-intervent mediku imsemmi.

Illi inoltre jirrizulta illi l-ammont pretiz minn Daniel Coppini huwa hamsa u ghoxrin elf (sorte) waqt li l-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) minn 28 ta' Frar 2011 sad-data tal-11 t'April 2015 kienet tammonta ghal ghaxart elef , sitta u sebghin Ewro u tnejn u disghin centezmu, ghalhekk il-mandat ta' sekwestru kien ghal hamsa u tletin elf sitta u sebghin Ewro u tnejn u disghin centezmu. Illi fid-dawl ta' dak migjub a konjizzjoni ta' din il-Qorti, l-istess Qorti ma tisghax tikkonkludi illi Mario Calleja pprova almenu sal-grad ta' prima facie illi l-ammont indikat fis-sekwestru ma kienx gustifikat jew kien eccessiv, u dana fid-dawl ta' gurisprudenza fuq citata.

Illi ghar-rigward mbaghad tal-Artikolu 836(1)(f) u cioe' "*...**li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu...***" , Mario Calleja ma rnexxielux almenu sal-grad ta' prima facie,jipprova li kien hemm xi bdil fic-cirkostanzi mid-data tal-hrug tal-mandat cioe 16 t'April 2015 sad data tal-prezentata ta' dan ir-rikors cioe' 24 t'April 2015 – vide **Gasanmamo Insurance Limited et vs Roc A Go Crane Services**

**Limited et** , deciza fis-6 ta' Frar 2014; u **Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri et. noe** deciza fit-3 ta’ Awwissu 2003.

Lanqas ma pprova sal grad ta’ prima facie li parti minn dan is-sekwestru m’ghadux aktar mehtieg jew gustifikabbli. Infatti din il-Qorti kienet accordat differiment qasir bl-ghan li Calleja jikseb garanzija bankarja li tkopri l-ammont mitlub flimkien mal-interessi sabiex il-kontro parti jkun f’qaghda li jitlob il-hrug ta’ kontro-mandat.

Ghar-rigward tat-talba ghall-impozizzjoni tal-penali ai termini tal-Artikoli 836(8)(c) u (d) tal-Kapitolu 12, din l-Qorti taghraf illi din hija sanzjoni fakoltattiva, imholliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera ghas-sodisfazzjoni taghha, li sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mill-ligi ghall-impozizzjoni tal-istess sanzjoni, u cioe’ is-subincizi (a) sa (d), tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12.

Il-Qorti tinnota li r-revoka tal-mandat odjernn ma ntalabx ai termini tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kapitolu 12. Di piu, ebda prova u mhux biss ma saritx prova li hemm garanzija xierqa ohra li tissodisfa l-pretensjoni izda jirrizulta proprio il-kuntrarju.

Il-Qorti hija tenuta li timponi dawn il-penali **fejn jirrizultaw l-estremi tal-ligi** fuq indikati. Dan huwa artikolu ta’ ordni pubblika bl-iskop li jigi assikurat is-serjeta tal-process gudizzjarju u sabiex l-istitut ta’ mandati kawtelatorji ma jigix uzat abbusivament - Vide sentenzi fl-ismijiet **“Carmel Farrugia u martu Lucija Farrugia vs Charmaine Farrugia f’isimha proprju u f’isem binha minuri Francesco”** deciza fit-**2 t’Awissu 2012** per **Onor Imhallef Dr. J.R. Micallef**, **“Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited”** deciza fit-**13 ta’ Marzu 2003**, per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia** u **“Joseph Rapa vs Raymond Sammut**” **Appell Civili** deciza fit-**13 ta’ Marzu 2001**.

Infatti skond l-insenjament tal-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tabone vs Capece Construction Limited (C-52626)**, fl-14 ta' Awissu 2013 u b’referenza ghall-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 dik il-Qorti rriteniet:

> ***"Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra***

> ***persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mill-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mill-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw, l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista ' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta'fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz."***

Illi fil-kaz odjern il-Qorti wara li ezaminat l-erba’ cirkostanzi indikati f’Artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12 taghraf li r-rikorrenti esekutat ma pprovax, u li din il-Qorti ma jirrizultalhiex, ic-cirkostanzi ghall-impozizzjoni tal-penali minhabba l-hrug tal-mandat. Irid jinghad ukoll illi l-buona fede hija prezunta u l-hazen irid jigi pprovat – vide **Miller Blacker pro. et noe vs Howard Kollezz** . Vol. XXIV. i. 554. Di piu, il-Qorti tqis li ebda prova ta’ danni subiti ma ngabu mir-rikorrenti Calleja u li skond l-Artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12, id-danni jistghu jintalbu biss fic-cirkostanzi mahsuba fl-Artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12, cirkostanzi li din il-Qorti diga stabbilit il-mankanza taghhom.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ Daniel Coppini u tichad t-talbiet ta’ Mario Calleja et.

Bl-ispejjez kontra Mario Calleja et.

**Moqrija**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------